MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 270/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Vision Centre Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u tmienja u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm1398.70), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99471852;**
**Illi s-socjeta` konvenuta interpellata sabiex ihallas diversi drabi baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra s-**

**socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tlett mija u tmienja u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm1398.70), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Dicembru, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------